MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2012

Numru. 503/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. Josric Mifsud)**

**vs**

**Anthony Spiteri**

**Illum 9 ta' Ottubru 2012**

**Kawza Numru 503/2008**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Anthony Spiteri ta' hamsin (50) sena, bin Toni u Concetta nee' Borg, imwieled B'Kara fit-13 ta' Lulju 1957, residenti fil-fond 'Turris Placidus', Triq Hal-Gharghur, B'Kara, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 489257M, akkuzat:

talli nhar il-20 ta’ Awwissu 2008 ghal habta tas-siegha nieqes kwart ta’ wara nofsinhar (12:45hrs) u xhur ta’ qabel din id-data f’dawn il-gzejjer fil-kapacita’ tieghu ta’ direttur tal-kumpanija ‘Three Hills’ bhala persuna li thaddem, u ta’ kull persuna li tahdem ghal rasha, naqas li jaghmel, jew li jizgura li ssir evalwazzjoni xierqa, sufficjenti u sistematika tal-perikli ghas-sahha u s-sigurta’ kollha li jistghu jkunu prezenti fuq il-post tax-xoghol u r-riskji li jirrizultaw li jikkoncernaw l-aspetti kollha tal-attivita’ tax-xoghol. Dawn l-evalwazzjonijiet ghandhom jikkunsidraw ir-riskji ghas-sahha u s-sigurta’ tal-haddiema u tal-persuni li jahdmu ghal rashom li ghalihom ikunu esposti waqt ix-xoghol, inkluz dawk li jzuru l-post tax-xoghol, liema riskji jirrizultaw mix-xoghol imwettaq, jew in konnessjoni mieghu, jew mit-tmexxija tal-impriza u dan ai termini ta’ l-Artikolu 10(1) ta’ l-Avviz Legali 36/03;

talli fil-kapacita’ tieghu ta’ direttur tal-kumpanija ‘Three Hills’ nhar 20 ta’ Awwissu 2008 matul il-gurnata u fil-granet ta’ qabel naqas milli jhares is-sahha u sigurta’ ta’ l-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistghu jigu effettwati bix-xoghol, li jkun qed isir u dan billi naqas milli jiehu l-passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol u dan ai termini ta’ l-Artikoli 6(1)(2) ta’ l-Att 27/2000 Kapitolu 424;

talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuna li jhaddem hames haddiema jew aktar, naqas milli jzomm fil-pussess tieghu kopja bil-miktub jew li tista’ tinkiseb b’mod elettroniku dawn l-evalwazzjonijiet, u li tizgura li jkunu aggornati regolarment u dan ai termini tal-Artikolu 10(2) ta’ l-Avviz Legali 36/03;

Talli fil-kapacita’ tieghu ta’ direttur ta’ l-imsemmija kumpanija fl-istess lok, zmien u cirkostanzi bhala persuna li jhaddem, naqas li jiehu l-mizuri necessarji sabiex waqghat mill-gholi jkunu fizikament evitati partikolarment permezz ta’ bennieni solidi li jkunu gholjin bizzejjed u jkollhom ta lanqas bord tat-tarf, poggaman ewlieni u poggaman intermedju jew alternattiva ekwivalenti. Naqas ukoll li jizgura li x-xoghol fl-gholi jitwettaq apparat specjali jew bl-uzu ta’ l-apparat ta’ protezzjoni kollettiv. Fejn l-uzu

ta’ tali apparat ma jkunx possibli minhabba n-natura tax-xoghol, ghandhom ikunu provduti u ghandhom jintuzaw mezzi adatti ta’ l-access u arnessi ta’ sigurta’ jew metodi ta’ ankragg ohra ta’ sigurta. Naqas ukoll li jizgura li poggamani ta’ protezzjoni jitpoggew madwar trombi u turgien u dan ai termini ta’ Regolament 5 ta’ l-Iskeda IV (parti B) ta’ l-Avviz Legali 281/2004;

Talli impjega gewwa sit taht kostruzzjoni, gewwa Triq il-Fanal Ghasri, Ghawdex, jew ta xoghol lil persuna li ma kienitx persuna ezenti u li ma kellhiex licenzja moghtija lilu ghal dak l-impjieg jew xoghol skont id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta taht l-Artikolu 32(1)(b);

Talli fl-istess zmien u cirkostanzi bhala l-principal, impjega xi persuna li ma kienitx cittadina ta’ Malta meta dik il-pesuna ma kellhiex permess tax-xoghol bi ksur ta’ Artikolu 7 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 343.23 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli fl-istess zmien u cirkostanzi bhala l-principal, jew il-persuna li impjegat persuna ohra, full-time, part-time jew xort’ohra b’kuntratt definit jew indefinit jew bi prova, qass li jinnotifika lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig b’dan l-impjieg kif hemm fl-Avviz Legali 110 tas-sena 1993 (3a u 10);

Talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li gie misjub hati b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-diversi dokumenti esebiti.

Semghet il-provi tal-Prosekuzzjoni.

Rat illi l-imputat ghazel li ma jixhidx u li ma ressaq l-ebda provi.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta li fl-20 t' Awissu 2008 persuna waqghet go xaft ta' post li kien ghadu taht kostruzzjoni. Jirrizulta li meta l-Pulizija marru fuq il-post in kwistjoni, wara li rcevew telefonata, sabu lil din il-persuna gewwa xaft wiccu l-fuq jitlob l-ghajnuna. In segwitu ta' dan saru investigazzjonijiet mill-Pulizija u kif ukoll mill-Awtorita' dwar is-Sahha u s-Sigurta fuq il-Post tax-Xoghol u sussegwentement ittiehdu proceduri kriminali kontra l-imputat.

Illi x-xhieda tal-Prosekuzzjoni li xehdu *viva-voce* f'din il-kawza kienu s-segwenti: Spettur Josric Mifsud, Walid Abudraa, Hadim Jusef Umgerif, David Saliba, Charles Micallef u Marcel Bonnici. Gew prodotti wkoll affidavits tas-segwenti: Dr. Peter Muscat, PS 428 Carmelo Debattista u PC 905 Joseph Portelli. Gew ezebiti wkoll numru ta' dokumenti minn diversi xhieda.

Illi qabel ma' l-Qorti tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha rigward il-mertu tal-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, ser tghaddi biex taghmel xi konsiderazzjonijiet rigward l-istqarrija rilaxxata mill-imputat u rigward dak li gie sollevat mid-difiza fit-trattazzjoni finali rigward il-fatt li fl-imputazzjonijiet giet indikata l-kumpanija “Three Hills” u ma giex indikat jekk din, per ezempju, kienitx “Limited” jew “plc”.

**Stqarrija Rilaxxata**

Illi, jibda billi jinghad, li l-imputat kien irralaxxa stqarrija, liema stqarrija giet ezebita fl-atti ta' dawn il-proceduri mill-Ispettur Josric Mifsud meta huwa xehed fis-seduta tat-22 t'Awissu 2008. Din l-istqarrija jirrizulta li giet rilaxxata fil-21 ta' Awissu 2008. Fis-seduta tat-18 ta' April 2012, il-Qorti giet mitluba mid-difiza sabiex ma tiehux konjizzjoni tal-imsemmija stqarrija u dana in segwitu ta' gurisprudenza, fosthom **Il-Pulizija vs. Alvin Privitera** u **Il-Pulizija vs. Esron Pullicino**. Ghal tali talba, l-Ufficjal Prosekutur David Saliba (Ufficjal fl-Awtorita' tas-Sahha u s-Sigurta fuq il-Post tax-Xoghol) ma kellux oppozzizzjoni.

Illi mill-istqarrija rilaxxata mill-imputat, jirrizulta li l-istess imputat gie nfurmat li ma kienx obbligat li jitkellem

sakemm ma xtaqtx li jitkellem u li dak li jghid setgha jingieb bhala prova. Ma jirrizultax li l-imputat inghata zmien jikkonsulta ruhu ma' avukat qabel kellem lill-pulizija. Dana ma setax isir ghaliex il-ligi vigenti f'dak iz-zmien, u cioe' f'Awissu 2008, ma kinitx taghti d-dritt lill-imputat jaghmel dan. Illi ghalhekk il-konfessjoni maghmula mill-imputat saret bi vjolazzjoni ta' drittijiet fondamentali tieghu ghal smigh xieraq u dana kif sanciti kemm fil-Kostituzzjoni taghna kif ukoll fl-Artikolu 6(1) abbinat mal-Artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Dana qed jinghad in linja mad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawzi fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alvin Privitera**, **Il-Pulizija vs. Mark Lombardi** u **Il-Pulizija vs. Esron Pullicino**.[1] Ghaldaqstant, l-istqarrija rilaxxata mill-imputat ghandha u qed tigi skartata mill-Qorti.

**Three Hills**

Illi, riferenza sejra ssir ghad-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Pillow**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' Novembru 2011, fejn inghad is-segwenti:

*"Ghar-rigward tat-**tieni aggravju**, il-frazi "bhala Managing Director Pillow Frames Ltd." tinsab fost id-dettalji li inghataw tal-imputat bhala indikazzjoni li r-responsabilita' penali attribwita lilu hija wahda vikarja in kwantu li qieghed jigi ritenut responsabbli kriminalment ghall-eghmil ta' haddiehor u cioe' in kwantu direttur ta' socjeta' kummercjali.[2] Kif gja gie ritenut minn din il-Qorti diversi drabi f'cirkostanzi bhal dawn ma kienx hemm ebda htiega li fic-citazzjoni jinghad espressament li huwa kien qed jigi imharrek fil-vesti tieghu ta' direttur, jew manager ecc. tal-kumpanija peress li r-responsabilita' vikarja f'kazijiet bhal dawn iggib ir-responsabilita' personali u individwali ta' dak li jkun ghan-nuqqasijiet tas-socjeta'[3]. F'kazijiet bhal dawn ic-citazzjoni hi gja kompluta u valida jekk issejjah biss lid-direttur jew ufficjal iehor skont il-ligi anki minghajr*

---

[1] Sentenzi decizi fil-11.4.11 u 12.4.11 rispettivament.

[2] Il-Kodici Kriminali llum jipprevedi r-responsabilita' kriminali diretta ta' korp inkorporat ghal certi reati specifici (Ara Artikolu 121D, 82E, 208B(3), 248E(3), 310(A), 328J(1), 337H(1) tal-Kodici Kriminali).

[3] Ara Appelli Inferjuri: **Pulizija vs. Joseph Bonnici**, 26/5/1995; **Pulizija vs. Carmel Camilleri**, 5/11/2004; **Pulizija vs. Joseph Vella**, 2/2/2006.

*riferenza ghas-socjeta' in kwistjoni. Ghalhekk, l-izball fl-isem tas-socjeta' li taghha l-imputat kien direttur ma jimporta ebda konsegwenza legali fuq dak li bih gie imputat l-appellant u cioe' responsabilita' vikaria ghall-eghmil ta' socjeta' li taghha kien direttur. Ic-citazzjoni, kif ripetutament ritenut minn din il-Qorti, hi semplicement avviso a comparire u hu bizzejjed li jkun fiha dettalji ta' zmien, post, hin u partikolaritajiet tal-imputat biex hu jkun jista' jifhem ta' xhiex qed jigi akkuzat.* [4] *Fil-kaz ta' llum ic-citazzjoni hi konformi ma' dak rikjest bl-Artikolu 360(2) tal-Kodici Kriminali u d-dettal, mhux mehtieg, tas-socjeta' li taghha kien direttur l-imputat ma zzid jew tnaqqas xejn mill-validita' tac-citazzjoni. L-appellant kien jaf ben tajjeb li kienet qieghdha tigi imputata lilu responsabilita' vikaria in virtu' tal-kwalita' tieghu ta' direttur ta' socjeta' kummercjali*[5]*. Kien jaf ben tajjeb, kif jirrizulta mir-rikors tal-appell stess tieghu, ta' liema socjeta' huwa kien direttur fiz-zmien relevanti, u di fatti f'din l-istanza anki pprezenta prova li huwa -- u kien, fiz-zmien relevanti --- id-direttur uniku tas-socjeta' relevanti. Ghalhekk, dan l-aggravju wkoll qieghed jigi respint".*

Illi, in segwitu ta' dan, dak li gie sollevat mid-difiza rigward il-fatt li fl-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ssir riferenza biss ghal "Three Hills" huwa bla ebda bazi.

**Ikkunsidrat**

Illi, l-imputat jinsab akkuzat bi tmien imputazzjonijiet, l-ewwel erba' jirrigwardaw is-sahha u s-sigurta fuq il-post tax-xoghol, il-hames imputazzjoni tirrigwarda l-Att dwar l-Immigrazzjoni, is-sitt u s-seba' imputazzjonijiet jirrigwardaw l-Att dwar is-Servizzi ta' Impieg u Tahrig u t-tmien imputazzjoni tirrigwarda recidiva.

Illi, fir-rigward tal-**ewwel erba' imputazzjonijiet**, il-Qorti ghandha s-segwenti xi tghid. Aktar qabel f'din id-decizjoni saret riferenza ghal persuna li wegghet fuq il-post tax-

[4] Ara *inter alia* Appell Inferjuri: **Pulizija vs. Joseph Vella**, *supra*.
[5] Ara Artikolu 13 tal-Kapitolu 249.

xoghol minghajr ma saret riferenza lejn isem din il-persuna. Ir-raguni ghal dan huwa li mentri (a) fl-okkorrenza (Dok, “JM 2” – *fol*. 10), (b) fl-affidavit ta’ Dr. Peter Muscat (Dok. “JM 3” – *fol.* 17*)*, (c) fic-certifikat rilaxxat mill-imsemmi tabib (*fol.* 18), (d) fix-xhieda moghtija minn David Saliba (*fol.* 19 et *seq.*) u (e) fix-xhieda moghtija minn Charles Micallef (*fol.* 36 *et seq.*) jinghad li l-persuna li wegghet kienet Osama Muhammed Budra/Gudra, fl-atti processwali jirrizultaw ukoll id-depozizzjonijiet rilaxxati minn Walid Abudraa (*fol.* 12 *et seq.*) u Hadim Jusef Umgerif (*fol.* 14 *et seq.*) minn liema jirrizulta li effettivament il-persuna li wegghet kienet l-imsemmi Hadim Jusef Umgerif. Kunflitt fil-provi bhal dan imur zgur favur l-imputat. Apparti dan, fix-xiehda moghtija minnu, David Saliba jaghmel riferenza ghad-domandi li huwa kien ghamel lill-imputat, pero ta’ min jinnota li effettivament l-imputat mhux talli ma xehedx f’dawn il-proceduri talli l-istqarrija rilaxxata minnu giet skartata minhabba r-ragunijiet indikati aktar il-fuq. Minkejja li l-Ufficjali tal-Awtorita’ dwar is-Sahha u s-Sigurta fuq il-Post tax-Xoghol ezebew ritratti li huma qalu li gew mehuda l-ghada tal-incident, u minkejja li taw id-depozizzjoni taghhom rigward dak li huma raw u ghamlu wkoll riferenza ghar-ritratti ezebiti, il-Qorti hija tal-fehma li, tenut kont tal-kunflitt fil-provi tal-istess Prosekuzzjoni, tenut kont tal-fatt li anke l-istqarrija rilaxxata mill-imputat ghandha tigi skartata, il-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni m’humiex b’sahhithom bizzejjed sabiex din il-Qorti ssib htija rigward l-ewwel erba’ imputazzjonijiet.

Illi, fir-rigward tal-**<u>hames, tas-sitt u tas-seba’ imputazzjonijiet</u>**, apparti x-xhieda l-ohra diga imsemmija, u minkejja li xehed Marcel Bonnici, *manager* tal-ETC f’Ghawdex, u minkejja li huwa pprezenta wkoll xi dokumenti, l-imputazzjonijiet imsemmija ma gewx pruvati.

Ili, fir-rigward tat-**<u>tmien imputazzjoni</u>**, filwaqt li m’hemmx ghalfejn li l-Qorti tehodha in konsiderazzjoni, tenut kont tal-fatt li l-imputazzjonijiet l-ohra ma gewx pruvati, pero l-Qorti tinnota li anke f’kaz li l-imputazzjonijiet l-ohra, jew uhud minnhom, setghu gew pruvati, din l-imputazzjoni (tar-recidiva) ma tirrizultax *stante* li ma gew ezebiti l-ebda

sentenzi li bihom l-imputat setgha jigi misjub hati tar-recidiva.

Ghaldaqstant, il-Qorti, in segwitu tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, ghar-ragunijiet indikati hawn fuq, tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------